MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 84/2002/1

**Darren Micallef**

**vs**

**Emmanuel Tonna**

**Il-Qorti,**

Fit-27 ta' Gunju 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm326.60 (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti hsarat kagunati mill-konvenut meta waqqa xi materjal fuq il-vettura tal-attur (skond stima annessa mal-avviz tat-talba).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni imsemmija fl-avviz tat-talba, ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati mill-attur huma fi kwalunkwe kaz eccessivi;

Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti/ritratti esebiti.

Ikkonsidra.

Illi dak li huwa illuminanti fil-kawza odjerna hija ix-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tas-16 ta' April, 2002. Spjega fid-dettal kif jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fis-sistema tad-drain tieghu, inkluz il-materjal abraziv li jutilizza. Kien onest u genwin bizzejjed li stqarr ukoll li kien ir-rih, kien it-titjir u ticpis. Ix-xhieda Christine Camilleri ikkoroborat dak li qal l-istess konvenut.

Illi huwa veru li ma kienx fizikament hu li tajjar it-ticpis fuq l-vettura, izda kien ir-rih. Jista' jigi ritenut responsabbli tad-danni kagunati kif sollevati mill-attur?

Illi l-attur ma gab l-ebda prova ta' kif gie kagunat lilu d-danni minnu reklamati. Fil-premess tal-avviz, huwa jallega li kien l-konvenut li waqqa xi materjal fuq il-vettura tieghu. Dan ma giex pruvat. Il-konvenut spjega il-modus operandi tieghu. Jista jigi konsiderat li kien xi att volontarju jew involontarju jew xo ommissjoni da parti tieghu. L-intervent ta' att naturali bhal presenza ta' rih li tghajjar ma kien xi wiehed prevedibbli. Veru li sar minnu, izda kien prevedibbli jew anticipabbli? Zgur li le. Huwa kaz ta' casus sentit dominus.

Ghaldaqstant , it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur."

L-attur appella minn din id-decizjoni bl-uniku aggravju illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` meta iddecieda kif iddecieda.

Huwa jispjega dan l-aggravju tieghu fis-sens illi l-apprezzament tal-provi – ritratti u xhieda – kellu jikkonduci ghall-ezitu favorevoli ghat-tezi tieghu. Dan b'applikazzjoni tar-regola li kull persuna titqies fi htija ghall-att jew ommissjoni ta' dover da parte taghha.

L-appellant jaghmel referenza kopjuza ghall-kazistika li, b'mod jew iehor, issenjalat il-principju ta' l-ekwita`. Din l-invokazzjoni donnu jaghmilha ghal zewg motivi:- (i) dik <u>procedurali</u>, gjaladarba in virtu tal-Artikolu 8 (2)(d) l-aditu ghall-Qorti tal-Appell hu konsentit ukoll fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-ekwita`, oltre dik tal-imparzjalita` (ii) dik <u>sostantiva</u>, billi jadduci motivi illi t-Tribunal ghamel ezercizzju erroneu tal-principju tal-ekwita`. Motivi, li skond l-appellanti, ghandhom jinficjaw id-decizjoni appellata.

F'sitwazzjoni simili migjuba ghall-attenzjoni taghha "din il-Qorti kellha biex tqis bhala ammissibbli l-appell, tiddetermina jekk l-aggravju, <u>kif dedott</u>, kienx jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv" – "**Stephen Chetcuti et –vs- Cycle World Limited**", Appell, 12 ta' Jannar 2001.

Minn dan isegwi illi "l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bhala irritu u null" – "**John Attard –vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju 2001.

Mill-qari ta’ l-aggravju sottomess il-Qorti tifhem illi l-appellant qed isostni illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mit-Tribunal, huwa gab provi sodisfacenti fir-rigward ta’ kif gew kagjonati l-hsarat fuq il-vettura tieghu, u, li in tema ta’ dritt, il-konvenut appellat kellu per konsegwenza jigi dikjarat responsabbli minhabba n-negligenza u l-imprudenza tieghu.

Fil-qosor hafna l-fatti f’din l-istanza kienu s-segwenti:-

(1) Fl-14 ta’ Gunju 2001 l-attur jghid li ipparkja l-karozza tieghu hdejn ir-residenza tal-konvenut. L-ghada 15 ta’ Gunju 2001 sab tbajja fuqha minn materjal, qisu gir, li hu jghid li waqa’ mir-residenza tal-konvenut.
(2) L-attur jghid ukoll illi ghalkemm qal lill-konvenut li ma kellux responsabilita`, pero` la r-residenza kienet tieghu kien qed jippretendi d-danni minn ghandu. Hu ghalhekk ghadda biex jirraporta l-kaz lill-Pulizija fit-22 ta’ Gunju 2001 (Ara Dok. KB9).
(3) Jirrizulta mix-xhieda ta’ Christine Camilleri, prodotta mill-attur, illi fil-jum in kwestjoni (15 ta’ Lulju, recte Gunju, 2001) hi osservat persuna, fuq sellum li ma kienetx il-konvenut, jaghmel xi xoghol fuq barra fuq il-bini tal-konvenut. Dak il-hin ma rat xejn fuq il-karozza tal-attur.
(4) Jirrizulta mistqarr mill-konvenut li dan ghamel tiswijiet fil-kamra tal-banju tieghu. B’danakollu l-materjal li l-attur jghid li sab fuq il-vettura tieghu ma kienx dak li uza l-konvenut fis-sistema tad-drains izda materjal ta’ gir uzat minn min kien qed jahdem esternament.

Sostanzjalment id-decizjoni tat-Tribunal, fil-parti razzjonali taghha, hi msejsa fuq valutazzjoni ta’ fatti. It-Tribunal ibbaza l-kwestjoni unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif hargu mill-provi u ghal dawn il-fatti applika l-principju tad-dritt kif sancit fl-Art 1029 tal-Kap 16. Forsi wkoll, oltre dan il-principju seta’ ezamina wkoll il-materja mill-ottika ta’ dak dispost fl-Art 1042 tal-istess Kap 16.

Ma jirrizulta minn imkien li t-Tribunal ghamel xi ezercizzju jew gudizzju ta’ ekwita`. Gudizzju dan li kellu jaghmel tajjeb fil-kaz li tkun tezisti l-impossibilita` jew id-diffikolta` tal-prova preciza.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-poter diskrezzjonali affidat mil-ligi lit-Tribunal bl-ekwita` hu ntiz biex tikkolma s-sitwazzjoni fejn tkun tonqos il-prova preciza ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-att lamentat u tad-danni. Ghalhekk il-kuncett ta' l-ekwita` introdott fil-ligi specjali bl-Att V ta' l-1995 ma ghandux ifisser, jew jitfisser, illi l-attur hu ezonerat mill-oneru li jfornixxi dawk l-elementi probatorji li huma fil-poter tieghu li jressaq, jew li jgib il-quddiem fatti sufficjenti ghal-fini tal-istabilizzar tal-att denunzjat minnu jew tal-konsegwenzi skaturati minnu. Lanqas ma ghandu jigi interpretat fis-sens illi l-Gudikatur ghandu jiehu in konsiderazzjoni fatti ohra hlief dawk rizultanti mill-istruttorja tal-kaz.

Bl-istess mod, u fuq l-istess konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Gasan Insurance Agency Limited –vs- Doris Zammit**", 9 ta' Jannar 2001, "*in essenza din il-Qorti thossha skomda li tipprova, anke fl-isfond tal-principji li bihom jiddeciedi t-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, li tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-istess Tribunal li ma jidhirx li b'xi mod tista' tikkwalifika bhala wahda in vjolazzjoni tal-principji ta' l-imparzjalita' u ekwita'. Lanqas ma jidher li hemm xi ligi li giet applikata hazin.*"

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-appell interpost, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------